# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 ta' Novembru, 2015.**

**Rikors Numru 1217/2013 SM**

***Valletta Freight Services Limited***
**(C – 3478)**

**vs.**

***Tarros International S.p.a.* illum**
**maghrufa *Tarros S.p.a.***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi b'sentenza fl-ismijiet Dr. Renato Cefai *nomine* vs. *Valletta Freight Service Limited* (C3478), datata l-4 ta' Gunju, 2010, u kkonfermata fl-appell, is-socjeta` illum rikorrenti giet ikkundannata thallas lis-socjeta` illum intimata s-somma hemm indikata;

1.2. Illi s-socjeta` vincitrici intavolat mandat ta' qbid datat is-7 ta' Jannar, 2011, fuq il-fondi indikati fir-rikors guramentat promotur;

1.3. Illi l-mandat *de quo* gie milqugh fiz-17 ta' Jannar, 2011, u, il-qorti involuta ordnat:

1.3.1. Il-hatra t'espert tekniku biex jistma l-proprjeta` in dizamina;

1.3.2. Jipprezenta l-istima fit-termini hemm indikat;

1.3.3. Il-bejgh bis-subbasta ta' l-immobbli involuti;

1.4. Illi l-espert tekniku *de quo* kien:

1.4.1. Appuntat f'din il-kariga fil-25 ta' Frar, 2011;

1.4.2. Infurmat li kellu sat-18 ta' Marzu, 2011, biex jipprezenta r-relazzjoni tieghu;

1.5. Illi in effetti r-relazzjoni in dizamina giet prezentata fiz-17 ta' Jannar, 2012, minghajr ma kien hemm estensjoni legittima fir-rigward;

1.6. Illi skont l-artiklu 351(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta meta kreditur ihalli wieqaf irkant ghal aktar minn sena dan isir null;

1.7. Illi *stante* li ma saritx talba *ai termini* ta' l-artiklu 351(2) tal-istess Kap, allura s-subbasta in dizamina hi nulla wkoll;

1.8. Illi gia` intavolat procedura specifika bil-ghan li tigi dikjarata nulla s-subbasta in dizamina;

1.9. Illi kemm il-darba s-subbasta in dizamina tigi dikjarata nulla allura jkollha dritt tizbanka liberament is-somma ta' €219,604.06 li kienet depozitat ai fini ta' l-irkupru ta' l-istess proprjeta` in dizamina;

1.10. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex:

1.10.1. Prevja dikjarazzjoni li l-atti tas-subbasta *de quo* huma nulli;

1.10.2. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tizbanka s-somma ta' €219,604.06 depozitata kif fuq indikat;

2.0. Rat ir-risposta datata l-20 ta' Jannar, 2014, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi l-mertu f'din il-kawza hu identiku ghal dak dedott fil-kawza fl-ismijiet Rikors Numru 629/2012;

2.2. Illi ghalhekk din il-kawza saret inutilment;

2.3. Illi t-talba ghall-izbank hi infondata;

2.4. Illi l-allegazzjoni li s-subbasta in dizamina hi nulla hi wkoll infondata;

2.5. Illi mhux kontestat li r-relazzjoni peritali giet ipprezentata fis-17 ta' Jannar, 2012, izda ma' kelliex kontroll fir-rigward;

2.6. Illi d-data ta' meta nhalfet ir-relazzjoni hi zbaljata;

2.7. Illi ma jirrizultax li s-socjeta` intimata talbet is-sospensjoni tal-atti tas-subbasta;

2.8. Illi l-perjodu ta' sena indikat fl-artiklu 351(1) tal-Kap 12 fuq riferit skatta meta giet mahlufa r-relazzjoni peritali;

2.9. Illi r-referenza ghall-artiklu 351(2) tal-Kap 12 fuq riferit hi irrilevanti;

2.10. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati u vessatorji, u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu din il-procedura giet ordnata timxi mal-kawza fl-ismijiet *Valletta Freight Services Limited* vs. *Tarros International S.p.a.* illum maghrufa *Tarros S.p.a.* Rikors Numru 629/2012 fuq gia` indikata, (ara foll 43);

4. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 55);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

7. Illi din il-procedura hi intimament konnessa mall-kawza fuq indikata Rikors Numru 629/2012, (ara paragrafu numru tlieta, (3.), aktar qabel);

8.0. Illi a skans ta` ripetizzjoni inutili u ta' dilungar bla bzonn, qed issir referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fl-atti tal-kawza indikata fil-paragrafu precedenti u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tiddikjara li hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi;

8.2. Tirrespingi ghalhekk ir-risposti tas-socjeta` intimata;

8.3. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tizbanka s-somma ta' mitejn u dsatax il-elf, sitt mija u erbgha Ewro u sitt centezmi, (€219,604.06), ammont depozitat kif fuq indikat;

8.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**